MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1113/2006/1

**Miriam Cremona u Joseph Muscat Manduca**

**v.**

**Eucharist Bajada u martu Diane Bajada**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell wara decizjoni li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar 2010 f’din il-kawza, li bih cahdet talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza ta’ dawk li minghandhom xtraw il-haga mobbli meritu tal-kawza. Fil-qosor, l-atturi qed jirrivindikaw bicca mobbli li taghha jallegaw illi huma s-sidien, li tinsab fil-pussess tal-konvenuti. Dawn tal-ahhar jallegaw li huma xtraw din il-

bicca mobbli in bona fede minghand Desmond Mizzi u/jew kumpanija tieghu, u allura talbu li dawn jissejhu fil-kawza biex jiddefendu t-titolu derivattiv tal-istess konvenuti.

L-atturi ma opponewx ghat-talba, pero`, l-ewwel Qorti cahdet it-talba wara li qieset li, peress li min jissejjah fil-kawza jitqies bhal kull konvenut iehor, u peress li t-terzi m'ghandhomx il-pussess tal-bicca mobbli in kwistjoni, dawn it-terzi ma jistghux jigu mharrka bhala konvenuti fil-kawza tal-lum, intiza ghar-rilaxx tal-pussess u r-ritorn tal-oggett mobbli lill-allegat proprjetarji.

Il-konvenuti appellaw minn dan il-provvediment, moghti, kif inghad, fl-14 ta' Jannar ta' din is-sena, u argumentaw li huma ghandhom dritt, skond il-ligi, li jitolbu li l-persuna minghand min il-konvenuti jghidu li akkwistaw il-proprjeta` tal-oggett li tieghu l-atturi jallegaw li huma s-sidien, jiddahhal fil-kawza biex jiddefendi t-titolu taghhom.

Din il-Qorti tara li dan l-aggravju hu misthoqq. Skond l-Artikoli 1409 u 1411 tal-Kodici Civili, bejjiegh ta' oggett jaghmel tajjeb lix-xerrej ghall-evvizzjoni li ttellfu l-haga mibjugha, u ghandu jrodd lura l-prezz anke jekk ikun miftiehem li l-venditur ma jkunx qed jaghti garanzija ta' pacifiku pussess. Issa, skond l-Artikolu 1422 tal-istess Kodici, il-bejjiegh jinheles minn kull responsabbilta` taht il-garanzija "jekk ix-xerrej ikun halla li jigi kkundannat b'sentenza li ghaddiet f'gudikat <u>minghajr ma sejjah fil-kawza lill-bejjiegh</u>, meta dan jipprova li seta' jgib 'il quddiem ragunijiet bizzejjed, illi x-xerrej ma giebx, u illi bihom it-talba gudizzarja kienet tigi michuda."

Kwindi, meta kontra xerrej titressaq kawza ghar-radd lura tal-oggett mixtri, dan ix-xerrej ghandu interess qawwi mhux li jsejjah lill-venditur bhala xhud biex jiddefendi t-titolu tieghu, izda li effettivament issejjahlu fil-kawza, biex jekk ix-xerrej ikun kostrett jikkonsenja l-oggett lill-atturi, il-vendituri ma jkollhomx skuza u jkollhom, tal-anqas, iroddu lura l-prezz imhallas.

Il-kjamat fil-kawza, hu veru, jilbes il-vesti ta' konvenut, pero`, ma jfissirx li, f'dik il-vesti, jrid bilfors jigi

"kkundannat", ghax l-interess tieghu jista' jmur oltre kundanna, bhal ma hu f'dan il-kaz (ara il-kawza **Agent Accountant General v. Xuereb**, deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 1991).

L-atturi apprezzaw dan il-hsieb u, fil-fatt, huma ma oggezzjonawx ghat-talba, u din il-Qorti tara li l-kjamata fil-kawza mitluba, ghandha, fic-cirkostanzi tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tilqa' l-istess, u previa li tirrevoka l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Jannar 2010, tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti b'ordni li tipprovdi fl-affermattiv ghat-talba tal-konvenuti kontenuta fl-ewwel paragrafu tar-risposta taghhom tas-6 ta' Ottubru 2009 (fol. 56 tal-atti).

L-ispejjez marbuta ma' dan l-episodju, fic-cirkostanzi, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------